MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 5/2006

**Horace Farrugia**

**vs**

**Chris Borg - Ctronics**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Frar, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni tan-nota tar-Rikorrenti fejn talab lit-Tribunal jiddeciedi ta' min hu l-monitor in kwestjoni. It-Tribunal jordna li l-monitor ghandu jigi kkonsenjat lura lir-Rikorrenti u jibqa' proprjeta` tar-Rikorrenti."

Mill-*iter* tal-procediment quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi jirrizulta li b' sentenza tal-15 ta' Dicembru 2005 dan laqa' in parte t-talba ta' l-attur u ordna lill-konvenut li jhallsu l-ammont ta' mija u ghoxrin lira (Lm120), bl-ispejjez. Wara din is-sentenza l-attur intavola rikors fejn gab ghall-attenzjoni tat-Tribunal illi dan ma ddisponiex mill-kwestjoni ta' min hu l-monitor u ghalhekk talab il-korrezzjoni ta' l-istess sentenza. Fis-16 ta' Frar 2006 it-Tribunal iddecieda dan ir-rikors billi ordna li l-monitor ghandu jigi kkonsenjat lill-attur. Huwa kontra din l-ahhar decizjoni li l-appell prezentat mill-konvenut hu dirett. Fih jilmenta li kien hemm ksur tal-principju ta' gustizzja naturali billi r-rikors ta' l-attur ghall-korrezzjoni qatt ma gie notifikat lilu u d-decizjoni nghatat ad insaputa tieghu;

Ghal dan l-aggravju l-attur jirreagixxa b' dawn is-sottomissjonijiet:-

(1) L-ewwel sentenza kellha titqies wahda parzjali u dik appellata merament amplifikazzjoni taghha;

(2) Il-krejazzjoni tat-Tribunal kien ntiz biex jevita formalitajiet tant li hu moghti l-fakolta li jirregola l-procediment quddiemu bil-mod li jahseb li jkun l-iktar xieraq [Artikolu 23 (1), Kapitolu 378];

(3) Meta t-Tribunal ordna li l-monitor jigi moghti lilu ma gie infrant ebda principju ta' gustizzja naturali. F' kull kaz, l-azzjoni tat-Tribunal ma ppregudikatx b' mod gravi l-jeddijiet ta' l-appellant;

Premess s-suespost aggravju u r-risposta ghalih, ma jista' qatt ikun hemm dubju illi, kif sewwa ssottometta l-appellat, it-Tribunal adit ghandu skond il-ligi attribuzzjonijiet u funzjonijiet gudizzjarji specjali. *Inter alia*, li jirregola l-proceduri quddiemu, jiddeciedi sommarjament u bl-anqas formalita` possibbli [Artikolu 23 (2)]. Tant hu hekk li jinsab dettat fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 23 illi "ebda

procediment quddiem tribunal ma jkun invalidu minhabba f’ nuqqas ta’ xi formalita sakemm wiehed ikun mexa b’ mod konformi kemm jista’ jkun mar-regoli”. Naturalment dan hu hekk il-kaz purke tithares dejjem ir-regola tal-gustizzja naturali ghal liema jirreferi s-subinciz (1) ta’ l-istess artikolu tal-ligi;

Isegwi minn dan illi fl-espletament ta’ dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet it-Tribunal ma jistax jinjora l-precitata regola, u li, innegabilment, trid li kull parti fil-litigazzjoni jkollha l-opportunita` li taghmel l-osservazzjonijiet taghha. Gie infatti deciz illi, “ir-regola illi Bord (f’ dan il-kaz l-Emergency Compensation Board) huwa organament sommarju li mhux obbligat japplika b’ metikolozita` r-regoli tal-Procedura Civili tirrigwarda dawk ir-regoli li huma ta’ importanza sekondarja, u mhux ir-regola fondamentali bhal ma hija dik *audi alteram partem*” (“**Erik Gollcher *nomine* -vs- Lt. Denis Higgins**”, Appell Civili, 31 ta’ Mejju 1948). Minn dan jitnissel illi meta din ir-regola ma tigix osservata jkun hemm dik il-vjolazzjoni taghha li tati lok ghas-sindakar mill-Qorti ta’ revizjoni fuq appell sottomess lilha fuq dan il-punt. Ara, dejjem in tema, is-sentenzi riportati a **Vol. XXXII P II p 350**; **Vol. XXXV P II p 514** u **Vol. XXXVII P I p 675**;

F’ dan il-kaz it-Tribunal qabad u ghadda biex laqa’ t-talba ghall-korrezzjoni li saritlu minghajr ma qabel preventivament ikkomunika r-rikors li sarlu f’ dan ir-rigward mill-appellat lil kontro-parti. Jibda biex jigi osservat illi kieku dak intiz mill-appellat kellha titqies kwestjoni kollaterali jew accessorja ghall-gudizzju principali u bhala li kienet tikkwalifika bhala “ommessa decizjoni”, skond il-Kodici ritwali, ex-Artikolu 825 (1), ir-rikors hekk intavolat kellu, fil-minimu, jigi notifikat lill-kontroparti. Issa hu veru illi, kif gja rimarkat, hawnhekk si tratta ta’ Tribunal specjali istitwit u organizzat biex il-proceduri quddiemu jkunu anqas formali. B’ danakollu kif sewwa wkoll osservat “din mhix kwestjoni ta’ semplici vjolazzjoni ta’ forma f’ liema kaz din il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza hlief jekk jidhrilha li fis-sustanza hix

gusta. Hawn si tratta ta' sentenza illi ma messhiex u ma setghetx legalment tinghata fic-cirkustanzi fuq imsemmija" (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 509**). Dan kien kaz fejn sehhet irregolarita` in kwantu l-kawza inqatghet fil-mertu qabel ma nstemghu l-provi kollha u minghajr ma' l-appellant gie mholli l-opportunita` li jaghmel it-trattazzjoni fuqu;

Huwa ovvju fil-kaz *de quo* illi bid-decizjoni tieghu, issa appellata, it-Tribunal issorprenda lill-appellanti u pprivah mill-opportunita` li jaghmel l-osservazzjonijiet okkorrenti biex jirribatti t-talba ta' l-appellat. F' dan jikkonsisti l-pregudizzju gravi tal-jeddijiet ta' l-appellanti li jippreciza l-Artikolu 22 (2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994. Dan indipendentement minn jekk dawk l-osservazzjonijiet ikunu jew ma jkunux talvolta akkolti jew michuda;

Minhabba din il-vjolazzjoni tar-regola tal-gustizzja naturali ghandu jigi ritenut null dak li sar in konsegwenza ta' dik il-vjolazzjoni u ghalhekk hu l-kaz li l-Qorti tannulla d-decizjoni appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell devolut lilha mill-appellanti fis-sens li tiddikjara null, ghar-raguni fuq esposta, id-decizjoni tat-Tribunal tas-16 ta' Frar 2006. In bazi ghal dak stabbilit fl-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378 tiddifferixxi l-kawza ghat-18 ta' Ottubru 2006 ghat-trattazzjoni tal-kwestjoni relattiva ghal monitor. L-ispejjez gudizzjarji jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------